# ANNESS I

# KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Rabigen SAG2 suspensjoni tittieħed mill-ħalq, għall volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanza Attiva:**

Virus inattivat tar-rabbja, tal-grupp SAG2 minimu ta’ 8 $\log_{10}$ CCID 50* / doża

* CCID50: Doża Infettiva tal-Kulturi taċ-Ċelloli 50%

**Sustanzi oħra:**

Għal-lista sħiħa ta’ sustanzi ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni tittieħed mill-ħalq.

## 4 TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Volpijiet ħomor (*Vulpes vulpes*) u klieb *raccoon* (*Nyctereutes procyonoides*).

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Għall-imunizzazzjoni ta’ volpijiet ħomor u klieb *raccoon* sabiex tiġi impeduta l-infezzjoni bil-virus tar-rabbja.
Il-protezzjoni ddum minn ta’ lanqas 6 xhur.

### 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

### 4.4 Twissijiet speċjali <għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Mhux applikabbli.

### 4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu

**Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali**

Il-lixka m’għandiex tiġi mxerda f’żoni abitati, fit-toroq jew fejn hemm l-ilma.

**Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali**

Huwa rakkomandat li jintlibsu l-ingwanti tal-lastktu.
Ħaddiema li jżommu u jfornu dan il-vaċċin għandhom jiġu vvaċinati kontra r-rabbja.
Individwi immunokompromessi u immunodipressi m’għandhomx jitħallew jiġġestixxu dan il-vaċċin.

Fil-każ ta’ espożizzjoni fuq il-bniedem għas-sustanza attiva tal-vaċċin, fittex għal għajnuna medika minnufih u uri l-fuljett tal-pakett jew it-tikketta lit-tabib.

**4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

L-ebda effetti mhux mixtieqa ma ġew irrapportati fl-ispeċi fil-mira.
Peress li l-preżentazzjoni ta’ dan il-vaċċin fiha traċċi ta’ ġentamiċina u fiha tetraċiklina bħala bijoindikatur, jista’ jkun li xi kultant jistgħu jiġu osservati xi reazzjonijiet ta’ pressjoni għolja ħafna f’annimali domestiċi li setgħu belgħu il-lixka b’mod inċidentali.
Ġie rrappurtat irrimettar minħabba intolleranza gastrika (potenzjalment minħabba l-pakkett aluminju/PVC bħala parti mill-vaċċin tal-lixka), fi klieb li jkunu belgħu aċċidentalment il-lixka.

**4.7 Użu fit-Tqala, fi żmien il-ħalib u meta jbidu l-bajd**

Is-sigurtà tal-vaċċin ma ġietx investigata fil-każ ta’ bhejjem tqal u ta’ dawk li huma fi żmien il-ħalib. Imma l-virus tar-rabbja u virusijiet tal-vaċċin attenwat kontra r-rabbja normalment ma jakkumulawx fl-organi riproduttivi u mhumiex magħrufa li jaffettwaw direttament il-funzjonijiet riproduttivi.

**4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra**

Xejn li hu magħruf.

**4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Il-lixka hi mqassma fuq l-art jew mill-ajru skont il-qafas tax-xogħol ta’ kampanji ta’ vaċinazzjoni kontra r-rabbja. Huma maħsuba sabiex jittieklu mill-volpijiet/klieb *raccoon*. Lixka waħda hija biżżejjed sabiex tiżgura l-immunizzazzjoni attiva, sabiex tilqa’ għal infezzjoni bil-virus tar-rabbja.

Ir-rata tat-tqassim tiddependi mit-topografija u mill-popolazzjoni ta’ l-ispeċi li għaliha hu indikat il-prodott.

Ir-rata minima ta’ tqassim hija:
- 13-il lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet kelb *raccoon* kienu daqs jew inqas minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru f’kull 10 km..
- 20 lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / klieb *raccoon* kienu iktar minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km.

**4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta’ emerġenza, antidoti)jekk ikun hemm bżonn**

It-teħid tal-vaċċinazzjoni sa 10 darbiet iktar mid-doża rakkomandata ma wrietx effetti mhux mixtieqa.

**4.11 Perjodu ta' Tiżmim**

Mhux applikabbli.

**5. KWALITAJIET IMMUNOLOĠIĊI**

Grupp farmako-terapewtiku: Vaċċin virali ħaj
Kodiċi ATC veterinarja: QI07BD.

Rabigen SAG2 huwa vaċċin kontra l-virus tar-rabbja inattivat li jittieħed mill-ħalq mill-volpijiet il-ħomor *(Vulpes vulpes)* u klieb *raccoon* (*Nyctereutes procyonoides*).

Is-sustanza attiva huwa mutant doppju ta’ virulenza baxxa li ġie iżolat minn razza ta’ grupp tal-virus tar-rabbja SAD Bern, permezz ta’ żewġ proċeduri ta’ selezzjoni suċċessivi sabiex jiġi evitat li jkun hemm riverżjoni naturali għall-virus parentali.

Hija użata għall-immunizzazzjoni attiva tal-volpijiet u tal-klieb *raccoon* u hija karatterizzata mill-sensibbilità ta’ antikorpi speċifiċi ta’ rabbja.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta’ ingredjenti

**Vaċċin:**
Disodium phosphate - Potassium dihydrogen phosphate - Glutamic acid – Saccharose – Gelatin – Tryptone - Lactalbumin hydrolysate - Sodium chloride - Ilma għall-injezzjoni

**Matriċi appetenti (lixka)**:
Rhodor 7046R antifoam - Tetracycline (Hcl) HD - EVA (Ethyl Vinyl Acetate) - White soft paraffin - Paraffin 50/52° C - Seah Saur - Natural fish aroma

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux applikabbli.

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Sentejn f’temperatura ta’ -20°Ċ u jumejn f’temperatura ta’ +25°Ċ.

### 6.4. Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen fil-friża f’temperatura ta’ bejn -40°Ċ sa -20°Ċ.
Ipproteġi mid-dawl. Żomm il-kaxxi magħluqa sew.

### 6.5 In-natura u l-għamla tal-ewwel ippakkjar

Vaċċin likwidu li qiegħed ġo qartas tal-aluminju/PVC miksi b’sustanza appetittiva.
Il-lixka hija suċċessivament ippakkjati ġo kaxxi ta’:
- 200 unit (4x50)
- 400 unit (2x200)

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Armi l-materjal ħażin u lixki mhux imqiegħda fl-aħħar tal-ġurnata tat-tqassim billi tgħalli fil-misħun, taħraq jew tgħarraq ġo disinfettant adattat approvat mill-Awtorità Kompetenti tal-pajjiż.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

VIRBAC S.A.
1ère Avenue 2065m L.I.D.
06516 Carros - Franza
tel: + 33 4 92 08 73 04
fax: + 33 4 92 08 73 48
e-mail: darprocedure@virbac.com

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/00/021/001
EU/2/00/021/002

## 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

06/04/2000 / 16/03/2010

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata ta' dan il-prodott mediċinali u veterinarju jinsab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu/

## PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU

L-importazzjoni, bejgħ, provvista u / jew l-użu ta' dan il-prodott mediċinali veterinarju huwa pprojbit jew jista' jkun ipprojbit ġo parti mit-Territorju tagħhom minħabba l-politika nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa tal-annimali. Kull persuna li turi l-intenzjoni li timporta, tbigħ, tagħmel provvista jew tuża Rabigen SAG2 għandha l-ewwel tikkonsulta mal-Awtorità Kompetenti tal-Pajjiż Membru dwar il-programmi ta' vaċċinazzjoni attwali.

Ristritt għal awtoritajiet amministrattivi kompetenti li huma magħżula apposta.

# ANNESS II

**A. MANIFATTUR(I) TAS-SUSTANZA(I) BIJOLOĠIKA(/BIJOLOĠIĊI) ATTIVA(I) U SID(IEN) TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

**B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ FUQ IL-PROVISTA JEW L-UŻU**

**Ċ. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV**

**D. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

## A. MANIFATTURA(I) TAS-SUSTANZA(I) BIJOLOĠIKA(ĊI) ATTIVA(I) U SID(/S-SIDIEN TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

L-isem u l-indirizz tal-manifattur tas-sustanza bijoloġika attiva

VIRBAC SA
L.I.D. 1ère Avenue - 2065 m
06516 Carros, Franza

L-Awtorizzazzjoni tal-Kummerċ ġiet maħruġa fit-22 ta' Diċembru 1997 mill-Ministeru tas-Solidarjetà, tas-Saħħa u tal-Ħarsien Soċjali – Direttorat tal-Farmaċija u tal-Mediċini – Repubblika Franċiża.

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott

VIRBAC SA
L.I.D. 1ère Avenue - 2065 m
06516 Carros, Franza

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU

Sabiex jiġu mogħtija biss bi preskrizzjoni veterinarja.

L-importazzjoni, il-bejgħ, il-forniment u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju jista' jew jiġi pprojbit f'ċerti Stati Membri fit-territorju sħiħ tagħhom jew parti minnu b'mod konformi mal-politika tas-saħħa fuq l-annimali. Kull persuna li turi l-intenzjoni li timporta, tbigħ, tipprovdi u/jew tuża RABIGEN SAG2 għandha tikkonsulta mal-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru dwar il-programmi ta' tilqim kurrenti qabel timporta, tbigħ, tipprovdi u/jew tuża.

Ristrett għal awtoritajiet amministrattivi kompetenti maħtura.

## C. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR L-UŻU SIGUR U EFFETTIV

Mhux applikabbli.

## D. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Mhux applikabbli.

## ANNESS III

## TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKETT

# A. TIKKETTA

**TIKKETTAR GĦAL KAXXA LI**

**FIHA 200 UNIT**

# 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Rabigen SAG2 suspensjoni tittieħed mill-ħalq, għall-volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.

# 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

**Sustanza attiva:**
Virus inattivat tar-rabbja, tar-razza SAG2 8 log10 - CCID50*/doża

* CCID50: Doża Infettiva tal-Kulturi taċ-Ċelloli 50%

**Eċipjenti:**
Sustanza (lixka) appetittuża li hija magħmula minn biomarkatur ta’ tetraċiklina

# 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni li ttieħed mill-ħalq.

# 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa li fija 200 (4 x 50) lixka ta’ tilqim.

# 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Volpijiet ħomor *(Vulpes vulpes)* u klieb *raccoon* (*Nyctereutes procyonoides*) .

# 6. INDIKAZZJONI(JIET)

L-immunizzazzjoni attiva tal-volpijiet ħomor u klieb *raccoon* sabiex tilqa’ għal infezzjoni bil-virus tar-rabbja.
Il-protezzjoni ddum minn tal-inqas sitt xhur.

# 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Il-lixka hija mqassma fuq l-art jew mill-ajru skont il-qafas tar-regolamenti ta’ kampanji ta’ vaċċinazzjoni kontra r-rabbja. Huma maħsuba sabiex jittieklu mill-volpijiet u klieb *raccoon*. L-ammont ta’ lixka waħda huwa biżżejjed sabiex jiżgura protezzjoni lill-volpi kontra r-rabbja.

Ir-rata tat-tqassim tiddependi mit-topografija u mill-popolazzjoni tal-volpijiet tal-ispeċi li għalihom hu indikat il-prodott.

Din ir-rata minima ta’ tqassim hija:

- 13-il lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / klieb *raccoon* kienu daqs jew inqas minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km.
- 20 lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / klieb *raccoon* kienu iktar minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km..

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

## 8. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Huwa rakkomandat ilbies ta' ingwanti tal-lastku.

Dawk li jimmaniġġjaw u jqassmu din it-tilqima għandhom jiġu mlaqqma kontra r-rabbja.

Dawk l-individwi li huma immunokompromessi/imunodipressi m'għandhomx jimmaniġġjaw dan il-vaċċin. F'każ ta' esposizzjoni umana għas-sustanza attiva tal-vaċċin, għandu jtittieħed parir mediku immedjatament u jintwera il-fuljett informattiv jew it-tikketta lit-tabib.

L-ebda effetti mhux mixtieqa ma ġew irrapportati fl-ispeċi fil-mira.
Peress li l-preżentazzjoni ta' din it-tilqima fiha traċċi ta' ġentamiċina u fiha tetraċiklina bħala bijoindikatur, jista' jkun li kultant jistgħu jiġu osservati xi reazzjonijiet ta' allerġija f'annimali domestiċi li jistgħu jkunu belgħu l-lixka b'mod inċidentali.
Ġie rrappurtat rimettar minħabba intolleranza gastrika (potenzjalment minħabba l-pakkett aluminju/PVC bħala parti mill-vaċċin tal-lixka), fi klieb li jkunu belgħu aċċidentalment il-lixka.

## 9. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

## 10. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-friża f'temperatura ta' bejn -40°Ċ sa -20°Ċ.
Ipproteġi mid-dawl. Żomm il-kaxxi magħluqa sew.

## 11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Armi l-materjal ħażin u lixki mhux imqiegħda fl-aħħar tal-ġurnata tat-tqassim billi tgħalli fil-misħun, taħraq jew tgħarraq ġo disinfettant adattat approvat mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-pajjiż.

## 12. IL-KLIEM "GĦAT-TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS" U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli

Għal Trattament tal-Annimali Biss.
Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni medika.
Ristrett għal awtoritajiet amministrattivi kompetenti li huma magħżula apposta.

## 13. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

## 14. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

VIRBAC S.A.
1ère Avenue 2065m L.I.D.
06516 Carros - Franza

## 15. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/00/021/001

## 16. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

**TIKKETTAR GĦAL KAXXA LI**

**FIHA 400 UNIT**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Rabigen SAG2 suspensjoni tittieħed mill-ħalq, għall-volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

**Sustanza Attiva:**
Virus inattivat tar-rabbja, tar-razza SAG2 8 log10 - $CCID_{50}$*/doża

* $CCID_{50}$: Doża Infettiva tal-Kulturi taċ-Ċelloli 50%

**Eċċipjenti:**
Sustanza (lixka) appetittuża li fiha bijomarkatur ta' tetraċiklina

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Suspensjoni tittieħed mill-ħalq.

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Kaxxa li fiha 400 (2 x 200) lixka tal-vaċċin.

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Volpijiet ħomor *(Vulpes vulpes)* u klieb *raccoon* (*Nyctereutes procyonoides)*.

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Immunizzazzjoni attiva tal-volpijiet ħomor u klieb *raccoon* sabiex tilqa' għal infezzjoni bil-virus tar-rabbja.
Il-protezzjoni ddum minn tal-inqas sitt xhur.

## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Il-lixka hija mqassma fl-art jew bl-ajru skont ir-regolamenti ta' kampanji ta' tilqim kontra r-rabbja. Hija maħsuba sabiex jittieklu mill-volpijiet / klieb *raccoon*. L-ammont ta' lixka waħda huwa biżżejjed sabiex jiżgura protezzjoni lill-volpi kontra r-rabbja.

Ir-rata tat-tqassim tiddependi mit-topografija u mill-popolazzjoni tal-ispeċi li għaliha hu indikat il-prodott

Din ir-rata minima ta’ tqassim hija:

- 13-il lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / kelb *raccoon* kienu daqs jew inqas minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km.
- 20 lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / kelb *raccoon* kienu iktar minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km.

Aqra l-fuljett tat-tagħrif qabel ma tuża.

## 8. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Huwa rakkomandat l-ilbies ta’ ingwanti tal-lastku.

Dawk li jimmaniġġjaw u jqassmu dan il-vaċċin għandhom jiġu mlaqqma kontra r-rabbja.

Dawk l-individwi li huma immunokompromessi/imunodipressi m’għandhomx jimmaniġġjaw dan il-vaċċin. F’każ ta’ esposizzjoni umana għas-sustanza attiva tal-vaċċin, fittex parir mediku mal-ewwel u uri l-fuljett ta’ tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

L-ebda effetti mhux mixtieqa ma ġew irrapportati fl-ispeċi fil-mira.
Peress li l-preżentazzjoni ta’ dan il-vaċċin fih traċċi ta’ ġentamiċin u fiha tetraċiklina bħala bijoindikatur, kultant jistgħu jiġu osservati xi reazzjonijiet ta’ ipersensitività f’annimali domestiċi li inċidentalment ikunu belgħu il-lixka.
Ġie rrappurtat rimettar minħabba intolleranza gastrika (potenzjalment minħabba l-pakkett aluminju/PVC bħala parti mill-vaċċin tal-lixka), fi klieb li jkunu belgħu aċċidentalment il-lixka.

## 9. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar / sena}

## 10. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-friża f’temperatura ta’ bejn -40°Ċ sa -20°Ċ.
Ipproteġi mid-dawl. ¯omm il-kaxxi magħluqa sew.

## 11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Armi l-materjal ħażin u lixki mhux imqiegħda fl-aħħar tal-ġurnata tat-tqassim billi tgħalli fil-misħun, taħraq jew tgħarraq ġo disinfettant adattat approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż.

## 12. IL-KLIEM “GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS” U KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA U L-UŻU, jekk applikabbli

Għal Trattament tal-Annimali Biss.
Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni medika.
Ristrett għal awtoritajiet amministrattivi kompetenti li huma magħżula apposta.

## 13. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**14. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

VIRBAC S.A.
1ère Avenue 2065m L.I.D.
06516 Carros - Franza

**15. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

EU/2/00/021/001

**16. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

## QRATAS

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Rabigen SAG2 suspensjoni tittieħed mill-ħalq għal volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.

## 2. NUMRU TAL-LOTT

Lott{numru}

## 3. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}

## 4. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS"

Għal Trattament tal-Annimali Biss.

**VAĊĊIN TAR-RABBJA - TMISSUX**

**Numru tat-telefon informattiv: + 33 4 92 08 73 04**

**LIXKI**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Rabigen SAG2 suspensjoni tittieħed mill-ħalq, għall volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.

**2. ISEM TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

VIRBAC S.A.
1ère Avenue 2065 M L.I.D
06516 Carros
Franza

**3. DATA TA' META JISKADI**

JISKADI {Xahar/sena}

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lott {numru}

**5. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS"**

Għat-trattament tal-annimali biss.

**VAĊĊIN TAR-RABBJA - TMISSUX**

**Numru tat-telefon informattiv: + 33 4 92 08 73 04**

# B. FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT

**FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKKETT**

**Rabigen SAG2 suspensjoni tittieħed mill-ħalq, għall-volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.**

## 1 L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ, U L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI LI JĦALLI L-KONSENJA TMUR FIS-SUQ , JEKK DIFFERENTI

VIRBAC S.A.
1ère Avenue 2065m L.I.D.
06516 Carros - Franza

## 2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Rabigen SAG2 suspensjoni orali ttieħed mill-ħalq, għall-volpijiet ħomor u klieb *raccoon*.

## 3 DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

**Sustanza attiva:**
Virus inattivat tar-rabbja, tar-razza 8 log10 $CCID_{50}$*/doża

* $CCID_{50}$: Doża Infettiva tal-Kulturi taċ-Ċelloli 50%

**Eċipjenti:**
Sustanza (lixka) appetittuża li fiha bijoindikatur ta' tetraċiklina.

## 4 INDIKAZZJONI (JIET)

Immunizzazzjoni attiva tal-volpijiet ħomor u klieb *raccoon* sabiex tilqa' għal infezzjoni bil-virus tar-rabbja.
Il-protezzjoni ddum minn tal-inqas sitt xhur.

## 5 KUNTRADIZZJONIJIET

Xejn.

## 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

L-ebda effetti mhux mixtieqa ma ġew irrapportati fl-ispeċi fil-mira
Peress li l-presentazzjoni ta' din it-tilqima fiha traċċi ta' ġentamiċin u fiha tetraċiklina bħala biomarkatur, kultant jistgħu jiġu osservati xi reazzjonijiet ta' ipersensitività f'annimali domestiċi li inċidentalment ikunu belgħu il-lixka.
Ġie rrappurtat rimettar minħabba intolleranza gastrika (potenzjalment minħabba l-pakkett aluminju/PVC bħala parti mill-vaċċin tal-lixka), fi klieb li jkunu belgħu aċċidentalment il-lixka.

## 7. SPEĊJI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Volpijiet ħomor *(Vulpes vulpes)* u klieb *raccoon* (*Nyctereutes procyonoides*).

## 8 DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

It-teħid ta' lixka waħda huwa biżżejjed sabiex jiżgura protezzjoni lill-volpi kontra r-rabbja.

Il-lixka hija mqassma fuq l-art jew bl-ajru skont ir-regolamenti ta' kampanji ta' tilqim kontra r-rabbja. Huma maħsuba sabiex jittieklu mill-volpijiet / klieb *raccoon*.

Ir-rata tat-tqassim tiddependi mit-topografija u mill-popolazzjoni ta l- ispeċi li għalihom huwa indikat il-prodott.

Din ir-rata minima ta' tqassim hija:
- 13-il lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / kelb *raccoon* kienu daqs jew inqas minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km.
- 20 lixka għal kull km kwadru fiż-żoni fejn l-indiċi tad-densità tal-volpijiet / kelb *raccoon* kienu iktar minn 3 volpijiet / klieb *raccoon* li dehru għal kull 10 km.

## 9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Tqassamx il-lixka f'żoni abitati, toroq u żoni fejn hemm l-ilma.

## 10. PERJODU TA' TIŻMIM

Mhux applikabbli.

## 11 PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal
Aħżen fil-friża f'temperatura ta' bejn -40°C sa -20°C.
Ipproteġi mid-dawl. Żomm il-kaxxi magħluqa sew.

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Għat-trattament tal-annimali biss.

Huwa rakkomandat l-ilbies ta' ingwanti tal-lastiku.

Dawk li jimmaniġġjaw u jqassmu din it-tilqima għandhom jiġu mlaqqma kontra r-rabbja.

Is-sigurtà tal-vaċċin ma ġietx investigata fil-każ ta' bhejjem tqal jew li huma fi żmien il-ħalib. Imma l-virus tar-*rabbja* u virusijiet tal-vaċċin attenwat kontra r-*rabbja* normalment ma jakkumulawx fl-organi riproduttivi u mhumiex magħrufa li jaffettwaw direttament il-funzjonijiet riproduttivi.

Dawk l-individwi li huma immunokompromessi/immunosuppressati m'għandhomx jimmaniġġjaw dan il-vaċċin. F'każ ta' esposizzjoni umana għas-sustanza attiva tal-vaċċin, għarraf mal-ewwel lit-tabib u wrieħ l-fuljett informattiv, jew it-tikketta.

L-importazzjoni, il-bejgħ, il-provvista u / jew l-użu ta' dan il-prodott mediċinali veterinarju huwa pprojbit jew jista' jkun ipprojbit f'ċerti Stati Membri fuq it-territorju kollu tagħhom jew parti minnhom skont il-politika Nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa tal-annimali. Kull persuna li turi l-

intenzjoni li timporta, tbigħ, tagħmel provvista jew tuża Rabigen SAG2 għandha tikkonsulta mal-Awtorità Kompetenti tal-Pajjiż Membru dwar il-programmi ta' vaċċinazzjoni attwali qabel timporta, tbigħ, tissupplixxi u / jew tuża'.

Ristritt għal awtoritajiet amministrattivi kompetenti li huma magħżula apposta.

## 13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻATA JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Armi l-materjal ħażin u l-lixki mhux imqiegħda fl-aħħar tal-ġurnata tat-tqassim billi tgħalli fil-misħun, taħraq jew tgħarraq ġo disinfettant adattat approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż.

## 14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT INFORMATTIV FIL-PAKKETT

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.au/

## 15. TAGĦRIF IEĦOR

Mhux id-daqs tal-pakketti kollha jistgħu qegħdin fis-suq.

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tas-sid tal-awtorizzazzjoni tal-kummerċ.

**België/Belgique/Belgien**
VIRBAC BELGIUM N.V.
Esperantolaan 4
B-3001 Leuven
Tel: + 32 (0) 16 38 72 60

**Česká republika**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Danmark**
VIRBAC Danmark A/S
Profilvej 1
DK-6000 Kolding
Tel: + 45 7552 1244

**Deutschland**
VIRBAC Tierarzneimittel GmbH
Rögen 20
D-23843 Bad Oldesloe
Tel: + 49 (4531) 805 111

**Eesti**
OÜ ZOOVETVARU
Uusaru 5
ET - 76505 Saue/Harjumaa, ESTONIA
Tel: + 372 6 709 006
E-mail: zoovet@zoovet.ee

**Luxembourg/Luxemburg**
VIRBAC BELGIUM N.V.
Esperantolaan 4
B-3001 Leuven
Tel: + 32 (0) 16 38 72 60

**Magyarország**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Malta**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Nederland**
VIRBAC NEDERLAND BV
Hermesweg 15
NL-3771 ND-Barneveld
Tel: + 31 (0) 342 427 127

**Norge**
Virbac Norge
c/o Premium Pet Products
Vollaveien 20 A
0614 Oslo
Tel: + 45 7552 1244

**Ελλάδα**
VIRBAC HELLAS A.E.
23 rd Klm National Road Athens-Lamia
145 65 Agios Stefanos
Athens
GREECE
Tel: + 30 210 6219520
E-mail: info@virbac.gr

**España**
VIRBAC ESPAÑA, S.A.
Angel Guimera 179-181
E-08950 - Esplugues de Llobregat (Barcelona)
Tel: + 34 93 470 79 40

**France**
VIRBAC France
13ème rue – L.I.D.
F-06517 Carros Cedex

**Ireland**
VIRBAC
1ère avenue 2065 m LID
06516 Carros
France
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Ísland**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Italia**
VIRBAC SRL
Via Ettore Bugatti 15
I-20142 Milano
Tel: + 39 02 40 92 47 1

**Κύπρος**
Panchris Feeds (Veterinary) Ltd
Industrial Area Aradippou, 7100, Larnaca, Cyprus
(P.O.Box 40261, 6302 Larnaca, Cyprus)
Tel: + 357 24813333

**Latvija**
OÜ ZOOVETVARU
Uusaru 5
ET - 76505 Saue/Harjumaa, ESTONIA
Tel: + 372 6 709 006
E-mail: zoovet@zoovet.ee

**Lietuva**
OÜ ZOOVETVARU
Uusaru 5
ET - 76505 Saue/Harjumaa, ESTONIA
Tel: + 372 6 709 006
E-mail: zoovet@zoovet.ee

**Österreich**
VIRBAC Österreich GmbH
Hildebrandgasse 27
A-1180 Wien
Tel: + 43 (0) 1 21 834 260

**Polska**
VIRBAC Sp. z o.o.
ul. Puławska 314
02-819 Warszawa

**Portugal**
VIRBAC DE Portugal
LABORATÓRIOS LDA
Ed13-Piso 1- Esc.3
Quinta da Beloura
2710-693 Sintra
+ 351 219 245 020

**Slovenija**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Slovenská republika**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Suomi/Finland**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00

**Sverige**
Virbac Danmark A/S Filial Sverige,
c/o Incognito AB,
Box 1027,
171 21 Solna
Tel: + 45 7552 1244

**United Kingdom**
VIRBAC Ltd
UK-Suffolk IP30 9 UP
Tel: + 44 (0) 1359 243243

**Hrvatska**
VIRBAC S.A.
1ère avenue 2065 m – L.I.D
F-06516 Carros
Tel: + 33 (0) 4 92 08 73 00